

Brussell, 12 ta' Settembru 2025
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0373 (COD)

9047/25
ADD 1

ENV 357
MI 305
IND 145
CONSOM 86
COMPET 386
MARE 22
PECHE 135
RECH 227
SAN 233
ENT 70
ECOFIN 563
TRANS 181
CODEC 613

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik

– Abbozz ta' Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-16 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni ressqet proposta lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew għal Regolament ġdid tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik (minn hawn 'il quddiem: ir-Regolament dwar il-Pellets tal-Plastik), li jiffoka fuq l-immaniġġjar tal-pellets tal-plastik mill-operaturi ekonomiċi u mit-trasportaturi tal-UE u mhux tal-UE fl-istadji kollha tal-katina tal-provvista. Il-proposta, parti mir-riżultati tanġibbli tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, hija msejsa fuq l-inizjattivi tal-Kummissjoni bħall-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero.
2. L-abbozz ta' Regolament huwa bbażat fuq l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (proċedura leġislattiva ordinarja).
3. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) inħatar bħala l-kumitat ewlieni għal dan il-fajl. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-23 ta' April 2024.
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-14 ta' Frar 2024 u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni fit-18 ta' April 2024.
5. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta leġislattiva tagħha u l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE) fl-14 ta' Frar 2024. Id-WPE kompli jeżamina l-proposta f'total ta' disa' laqgħat. Il-Kunsill (Ambjent) tal-25 ta' Marzu 2024 kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar ir-Regolament propost. Il-Kunsill adotta l-Approċċ Ġenerali tiegħu fis-17 ta' Diċembru 2024.

6. Sussegwentement, żewġ trilogi politiċi informali li saru fid-29 ta' Jannar u t-8 ta' April 2025 irriżultaw fi ftehim proviżorju bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew. Fit-30 ta' April 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma t-test ta' kompromess kif maqbul proviżorjament fit-trilogu informali tat-8 ta' April 2025.
7. Il-Kumitat ENVI tal-Parlament Ewropew ivvota favur l-istess test ta' kompromess fit-13 ta' Mejju 2025. Sussegwentement, il-President tal-Kumitat ENVI indirizza ittra datata l-14 ta' Mejju 2025 lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fejn iddikjara li, jekk il-Kunsill jibgħat formalment lill-Parlament il-pożizzjoni tiegħu fil-forma kif tinsab fl-anness tal-ittra, huwa jirrakkomanda lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti.

II. OBJETTIV

8. L-objettiv ġenerali tar-Regolament propost dwar il-Pellets tal-Plastik huwa li jistabbilixxi obbligi għall-immaniġġjar tal-pellets tal-plastik biex jiġi evitat it-telf fl-istadji kollha tal-katina tal-provvista tal-pellets tal-plastik, bl-għan li jinkiseb telf żero tal-pellets tal-plastik. L-obbligi jiffukaw fuq il-prevenzjoni ta' telf jew tixrid, operazzjonijiet ta' konteniment u tindif u japplikaw għall-operaturi ekonomiċi, it-trasportaturi u l-bastimenti tal-baħar.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

9. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari fiha elementi li dwarhom intlaħaq ftehim bejn il-koleġislaturi.

10. Rigward is-suġġetti koperti mir-Regolament: il-kopertura hija estiża biex timmira aħjar l-installazzjonijiet tat-tindif u, b'mod partikolari, biex tinkludi l-atturi involuti fit-trasport marittimu tal-pellets tal-plastik. B'mod speċifiku, spedituri, operaturi, aġenti u kaptani ta' bastimenti tal-baħar huma kkonċernati meta jitilqu jew jidħlu f'port ta' Stat Membru. Huma stabbiliti obbligi għat-trasport tal-pellets tal-plastik bil-baħar (f'kontejners tal-merkanzija), inkluż l-iżgurar ta' imballaġġ ta' kwalità tajba u l-għoti ta' informazzjoni relatata mat-trasport u mal-merkanzija, skont il-linji gwida tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.
11. Il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik tirrappreżenta l-oġettiv ewlieni għall-operaturi u għat-trasportaturi tal-UE u mhux tal-UE. Qafas ċar jistabbilixxi l-obbligi għal każijiet ta' telf aċċidentali li jiffoka fuq operazzjonijiet ta' tindif. Ser jiġi inkluż sett ċar ta' miżuri fi pjan ta' immaniġġjar tar-riskju, imħejji minn kull installazzjoni li timmaniġġja l-pellets. Dawn il-miżuri jikkonċernaw, fost l-oħrajn, l-imballaġġ, it-tagħbija u l-ħatt, it-taħriġ tal-persunal, kif ukoll it-tagħmir meħtieġ.
12. Fir-rigward tal-kwistjoni tal-piż amministrattiv għall-operaturi ekonomiċi u l-minimizzazzjoni tal-kostijiet relatati, u f'konformità mal-għanijiet ta' simplifikazzjoni għal kumpaniji iżgħar, il-limitu għall-intrapriżi, li abbażi tiegħu jiġu ddeterminati ċerti obbligi, huwa stabbilit għal 1 500 tonnellata tal-pellets tal-plastik immaniġġjati. Jekk jinqabeż dan il-limitu, tapplika ċ-ċertifikazzjoni għall-intrapriżi żgħar, medji u kbar. L-intrapriżi ż-żgħar ser ikunu soġġetti għal reġim eħfef – ser ikollhom jiksbu ċertifikat mill-inqas darba u wara jkunu jistgħu jagħżlu bejn ċertifikazzjoni mġedda jew awtodikjarazzjoni tal-konformità. Barra minn hekk, l-operaturi ekonomiċi kollha ser ikunu jistgħu jużaw il-permessi, l-EMAS jew l-EMS biex jikkonformaw ma' ċerti obbligi skont dan ir-Regolament.

13. Biex jiġu previsti kundizzjonijiet ekwi bejn it-trasportaturi tal-UE u dawk mhux tal-UE u biex jiġu żgurati r-responsabbiltà u t-trasparenza għat-trasportaturi kollha tal-pellets tal-plastik, it-trasportaturi mhux tal-UE ser ikollhom jaħtru rappreżentant awtorizzat fl-UE.
14. Id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament ġiet stabbilita għal 24 xahar, u d-data għad-dispożizzjonijiet marittimi hija 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

IV. KONKLUŻJONI

15. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tibni fuq l-oġettiv ewlieni tal-proposta tal-Kummissjoni u tirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.
16. Il-Kunsill għalhekk jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari hija rappreżentazzjoni bbilanċjata tal-eżitu tan-negozjati. Ladarba jiġi adottat, ir-Regolament ser jimminimizza l-ħsara ambjentali li ssir mit-telf u t-tixrid tal-pellets tal-plastik fl-Unjoni mingħajr ma jpoġġi piż amministrattiv eċċessiv fuq l-operaturi ekonomiċi.